IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU
1961

# DUN KARM MIET

*NHAR il-ġimgħa, it-13 ta' Ottubru 1961, ma' għib ix-xemx fil-gżira tagħna ntefa dawl li kien jillumina t-talent Malti: Miet Dun Karm meta kien għoddu għalaq id-disgħin sena u f'okkażjoni bħal din kull Malti ta' dehen u għaqal imissu għal ftit tal-ħin jidħol fih innifsu u jġib quddiem għajnejh ir-rabta li hemm bejn l-Ilsien tagħna u l-ogħla poeta li seddqu u sebbħu.*

*Dun Karm għalina jippersonifika ideal u simbolu. Minn mitejn sena 'l hawn dawk il-Maltin li kellhom qalbhom tħabbat bl-imħabba safja lejn art twelidhom, kienu ta' fehma sħiħa li jgħollu l-ilsien Malti; għax din il-Gżira qatt ma setgħet tgħolli rasha u tħaqqaq jeddha sakemm ilsienha kien għadu mormi u mġenneb, għax l-ilsien hu mera tar-ruħ u lehen il-qalb tannazzjon.*

*L-ideal ta' l-ulied veri ta' Malta kien u għadu l-progress u t-trijonf ta' l-ilsien Malti. Bosta u bosta batew għal dan l-ideal, raw fuq wiċċhom u kienu mżebilħin, imma aktar ma ltaqgħu ma' għawġ u mibegħda aktar intefgħu bil-ħeġġa għar-rebħa ta' l-ideal tagħhom u għalkemm Dun Karm ma kienx wieħed minn dawk li tqabdu fil-beraħ, lilu messet ix-xorti li juri fid-dieher il-progress u r-rebħiet ta' l-ideal tagħna. Il-lum min jara l-unuri u l-qima li ngħataw lill-poeta Malti ma jistax fl-istess ħin ma jaħsibx fil-qasam li fih hu kiseb dawk is-sinjali tar-rebħ.*

*Dun Karm hu wkoll simbolu għal kull min jagħti ruħu biex jonqor u jorqom u jsebbaħ il-kitba bil-Malti. Hafna jitħajru jixxiegħlu fil-Malti, iżda jaqtgħu qalbhom għax jibżgħu li b'dan l-ilsien ma jistax jintlaħaq stil letterarju għoli, u wkoll għax dan l-ilsien ma jġibx riżq u ġieh lill-kittieba. Dun Karm seħħlu jipprova li dak kien biża' fieragħ. Il-lum dan il-poeta tagħna hu rahan u xhieda tas-suċċess li jista' jkollu kittieb tajjeb li jinxteħet bil-qalb u bil-ħeġġa għal kitba bil-Malti. Bis-saħħa ta' l-ilsien tagħna Dun Karm għamel isem mhux biss f'art twelidu, imma wkoll f'artijet barranin fejn il-kultura u l-letteratura huma miżmumin kif jixraq lil dawn iż-żewġ sisien taċ-ċiviltà.*

*Tassew li riedu jkunu t-talent, il-għerf u l-lehma li bihom Dun Karm kien mogħni minn qaddisu u fuq kollox kienet tinħtieġ*

*rieda qawwija biex hu baqa' għal nofs seklu, sena wara sena, iħaddem il-għerf ta' moħħu, iħeġġeġ il-ħrara ta' qalbu u jkebbes il-ħehma ta' dehnu biex joħloq ġemgħa ta' poeżiji waħda isbaħ mill-oħra u li kollha flimkien nisġu mantell imżejjen bid-djamanti biex jogħod fuq spallejn il-poeta, bħalma l-mantell talkburija jżejjen spallejn Imperatur.*

*Bil-ħidma u l-ħila ta' Dun Karm u nies għaqlin bħalu l-ilsien Malti xxettel, kiber u fetaħ friegħi u żżewwaq b'inwar, issa l-ilsien tagħna ħa postu f'pajjżna u qiegħed jaqdina mhux biss fil-ħajja ta' kuljum, iżda qiegħed jagħti sura lir-ruħ tal-ġens Malti u jwettaq kultura Maltija mnissla minn dehen Malti. Disgħin sena ilu, meta twieled Dun Karm, żgur li ħadd ma kien jobsor li f'din l-art tagħna wieħed jista' jakkwista fama, ġieħ u saħansitra unuri akkademiċi bl-ilsien Malti biss. Dan il-miraklu l-lum seħħ u l-Wisq Reverendu Monsinjur Dun Karm Psaila, C.B.E., D. Litt. (Honoris Causa), Medalja G.M.A., hu xhieda tiegħu.*

*Dawn il-kelmtejn kont sejjer insemmihom "Dun Karm Halliena" iżda mbagħad ħsibt u rajt li għalina l-Membri tal-Għaqda, Dun Karm għadu magħna, ir-ruħ tiegħu għadha timraħ fis-sede tagħna u x-xbieha tiegħu għadha quddiem għajnejna kif il-kelma tiegħu għadha tinħass f'qalbna. Dun Karm jibqa' jsaltan fuq il-Għaqda tal-Kittieba mhux biss għax hu kien wieħed mill-fondaturi tagħha u għal bosta snin kien il-President tagħha u wara baqa' dejjem marbut magħna, imma għax il-Membri tal-Għaqda lilu dejjem żammewh bħala mgħallem tagħhom u jieħdu l-ispirazzjoni minnu. Kollha kemm huma kienu jgħożżu l-kelma tiegħu u jżommuh fuq wiċċ l-idejn u jgħodduh bħala x-xwejjaħ Ankise tagħhom. Mhux darba u tnejn qabżu għalih saħansitra mal-Gvern u ħaqqu l-jedd li hu kellu għarrikonoxxenza u kumpens mill-Istat. L-imħabba u l-ġibda li l-Membri tal-"Għaqda" għandhom lejn Dun Karm dehret dak in-nhar tal-funeral tiegħu meta għadd kbir minnhom marru biex jagħtuh l-aħħar ġieħ u l-aħħar tislima, għalkemm x'uħud li ma għandhomx x'jaqsmu mal-"Għaqda" imma li kien jixraq ikunu hemm, baqgħu ma dehrux u anqas il-Gvern ma bagħat Rappreżentant!*

*Mela l-lum ħalli kull wieħed u waħda minna jieqaf għal ftit tal-ħin mix-xogħol u t-taħbit tagħhom u jiftakru f'Dun Karm u filwaqt li jirringrazzjaw 'l Alla għad-doni li bihom żejnu, iroddu tislima u foħrija lill-Poeta Nazzjonali tagħna.*